









# festa
# SAN ĠORĠ
2026





Għawdex
jiċċelebra l-Festi Prinċipali f'Ġieħ
il-Protettur setgħan tiegħu

# SAN ĠORĠ MEGALOMARTRI

il-Patrun
tad-Djoċesi u tal-Belt Victoria
u
t-Titular
tal-Knisja Proto-Parrokkjali u Arċi-Matriċi
Bażilika u Kolleġġjata Lateranensi *in Urbe*
Omm il-Parroċċi tal-Għira

**4 – 19 ta' Lulju 2026**

# Victoria International Arts Festival 2026

## 29th Edition

### Friday 12th June - Monday 13th July

| | |
|---|---|
| Friday 12 June | Opening Concert \| Simon Schembri (Guitar)/*Malta Philharmonic Orchestra*/Philip Walsh (Conductor) Malta \| England (Teatru Astra) |
| Saturday 13 June | Pianoforte Quintet \| Florian Muehlberger (Clarinet)/Anne Elizabeth Harvey Nagl (Violin)/Laeticia Lermer (Viola)/Franziska Lermer (Violoncello)/Biliana Tzinlikova (Pianoforte) Austria \| Bulgaria \| Australia (Aula Mgr G. Farrugia) |
| Monday 15 June | Choral Recital \| Laudate Pueri Choir (Director: George J. Frendo) Malta (St George's Basilica) |
| Tuesday 16 June | Violin and Pianoforte Recital \| Rebecca Nostrud Isaksen (Violin)/Milica Lawrence (Pianoforte) Norway \| Serbia (Aula Mgr G. Farrugia) |
| Wednesday 17 June | *BrassTubes Ensemble* \| Jason Camilleri, Jason Borg, Julian Hili (Trumpet)/Mark Gauci (Bb Baritone)/Daniel Gauci, George Camilleri (Euphonium)/Mark Gauci (Director) Malta (Bishop's Curia Courtyard) |
| Thursday 18 June | *Royal Conservatoire Brass* \| Nadia Bedwell, Rona Campbell, Bethany Harby, Edward McDaid (Trumpet)/Abigail Wilson (Horn)/Emma Close, Gregor Dowall, Robbie Dowall (Trombone)/Lorna Rae (Bass Trombone)/Owen Campbell (Tuba)/John Logan (Director) Scotland (Il Hagar Museum Roof Top) |
| Friday 19 June | Violin and Pianoforte Recital \| Stefan Calleja (Violin)/Stephanie Quintano (Pianoforte) Malta (Aula Mgr G. Farrugia) |
| Saturday 20 June | Trio Noria \| Clemens Böck (Violin)/Hana Hubmer (Viola)/Sebastian Bertoncelj (Violoncello) Austria \| Australia \| Slovenia (Aula Mgr G. Farrugia) |



| | |
|---|---|
| Sunday 21 June* | *Reluctant Modernism: The Art of Ġużeppi Briffa* (Retrospective) \| Christian Attard (Curator) Malta (Il Hagar Museum) |
| Monday 22 June | Pianoforte Recital \| Julia Miller Poland (Aula Mgr G. Farrugia) |
| Tuesday 23 June | Clarinet and Pianoforte Recital \| Luis Fernández Castelló/Francesc Llop Álvaro (Spain) Aula Mgr G. Farrugia |
| Wednesday 24 June | *Cordia* Quartet \| David Lang, Emese Tóth (Violin)/Jacob Portelli (Viola)/Frank Camilleri (Violoncello) Serbia \| Malta (St Francis Church) |
| Thursday 25 June | *Pro Arte* Trio Prague \| Adèle Stajnochrova (Violin)/Josef Klusoň (Viola)/Jitka Vlašanková (Violoncello) Czech Republic (St Francis Church) |
| Friday 26 June | Pianoforte Trio \| Jože Kotar (Clarinet)/Zoran Mitev (Bassoon)/Luca Ferrini (Pianoforte) Slovenia \| Italy \| Macedonia (Aula Mgr G. Farrugia) |
| Saturday 27 June | Mandolin and Pianoforte Recital \| Alon Sariel/Keiko Shichijo Germany \| Japan (Aula Mgr G. Farrugia) |
| Monday 29 June | *Janascharco* Trio \| Natascha Chircop (Flute)/Tatjana Chircop (Violin)/Marco Rivoltini (Pianoforte) Malta \| Italy (Aula Mgr G. Farrugia) |
| Tuesday 30 June | Saxophone and Pianoforte Recital \| Philip Attard/Christine Zerafa Malta (Aula Mgr G. Farrugia) |
| Wednesday 1 July | Liederabend \| Yang Wern Ooi (Baritone)/Francis Camilleri (Pianoforte) England \| Malta (Aula Mgr G. Farrugia) |
| Thursday 2 July | Choral Recital \| *Schola Cantorum Venerandae Fabricae*/Massimo Palombella (Director) Italy (St George's Basilica) |
| Friday 3 July | *Primrose* Ensemble Viola Quartet \| Noémie Airiau Gauguier, Camille Coello, Ruixin Niu, Pierre Henri Xuereb France (St Augustine Church) |



| | |
|---|---|
| Sunday 5 July | Kor Malta \| Riccardo Bianchi (Director) Malta \| Italy (Don Bosco Oratory Chapel) |
| Monday 6 July*** | Violoncello and Pianoforte Recital \| Céline Dussaud (Violoncello)/Jean Sébastien Taillefer (Pianoforte) France (Aula Mgr G. Farrugia) |
| Tuesday 7 July*** | Violin and Pianoforte Recital \| Andrea Gajic/Liivi Arder Scotland \| Estonia (Aula Mgr G. Farrugia) |
| | Violin and Pianoforte Recital \| Andrea Gajic/Liivi Arder Scotland \| Estonia (Aula Mgr G. Farrugia) |
| Wednesday 8 July | Piano Accordion Recital \| Djordje Gajic Serbia (St Augustine Church) |
| Thursday 9 July | St Francis800 Celebration \| Simone Kotva (Speaker)/Maria Frendo (Soprano)/ Natascha Chircop (Flute)/Jacob Portelli (Harp) Sweden \| Malta (St Francis Church) |
| Friday 10 July*** | Pianoforte Quintet \| Marcelline Agius (Violin)/Orietta Beaumer (Viola)/Frank Camilleri (Violoncello)/Michelle Agius (Double Bass)/Francis Camilleri, Maria Frendo (Pianoforte) Malta (Aula Mgr G. Farrugia) |
| Saturday 11 July** | Debutants' Concert \| Andy Falzon (Pianoforte)/Thomas Buttigieg (Pianoforte)/*Armonija Quartet* Kathryn Mizzi, Loreane Scicluna (Violin), Eneh Lang (Viola), Fiona Murphy (Violoncello) Malta \| Serbia \| England (Aula Mgr G. Farrugia) |
| | *Auric* Saxophone Quartet**** \| Alastair Penman (Soprano Saxophone)/Sam Corkin (Alto Saxophone)/Gillian Lucy Blair (Tenor Saxophone)/Rachel Sarah Moorhead (Baritone Saxophone) England (Bishop's Curia Courtyard) |
| | *La Stella* Philharmonic Band*** \| John Galea (Conductor) Malta (St George's Square) |
| Monday 13 July | Closing Orchestral Concert \| Anthony Robb (Flute)/*Malta Philharmonic Orchestra*/ Philip Walsh (Conductor) England \| Malta (St George's Basilica) |

Artistic Director: GEORGE J. FRENDO



## Id-Disa' Ħamisijiet ta' San Ġorġ

Fl-14 ta' Mejju 2026 bdew id-Disa' Ħamisijiet bi tħejjija spiritwali għall-Festa ta' San Ġorġ, b'quddiesa kantata fis-7.00pm.

## Il-Victoria International Arts Festival – Id-29 Edizzjoni

Dan il-festival internazzjonali, fil-kuntest tal-Festa ta' San Ġorġ, twieled fl-1998 bħala offerta ta' kultura għolja li tagħni b'dimensjoni ġdida u tikkostitwixxi żvilupp oriġinali fil-festa tradizzjonali Maltija. Kulħadd huwa mistieden għas-serati kollha li huma mingħajr ħlas, proprju biex jitħares il-karattru popolari ta' dan il-festival. Programm dettaljat tad-29 Edizzjoni jinsab fuq www.viaf.org.mt.

## In-Novena ta' San Ġorġ
## *Ġorġi Bniedem Kbir*

In-Novena hi sensiela ta' disat ijiem ta' tħejjija spiritwali li jwasslu għall-Ġimgħa tal-Festa. It-tema ta' din is-sena, imnebbħa mill-Enċiklika soċjali tal-Papa Ljun XIV *Magnifica humanitas*, hi *Ġorġi: Bniedem Kbir*. Il-quddies tan-Novena, fis-7.00pm, jitmexxa mill-Arċipriet Joseph Curmi u saċerdoti oħra, b'riflessjonijiet mid-Djaknu Anthony Joe Borg. Fi tmiem in-Novena titqassam tifkira u jsiru attivitajiet fuq barra għat-tfal li jattendu.

**IS-SIBT 4 TA' LULJU**
**L-ewwel jum tan-Novena**
**7.00pm:** Quddiesa tan-Novena bit-tema: *Ġorġi bniedem imsejjaħ għall-kobor*.

**Il-ĦADD 5 TA' LULJU**
**It-tieni jum tan-Novena**
**7.00pm:** Quddiesa tan-Novena, bit-tema: *Ġorġi li jagħżel lil Kristu*.



**IT-TNEJN 6 TA' LULJU**
**It-tielet jum tan-Novena**
**7.00pm:** Quddiesa tan-Novena bit-tema: *Ġorġi xhud kuraġġuż tal-verità*.

**IT-TLIETA 7 TA' LULJU**
**Ir-raba' jum tan-Novena**
**7.00pm:** Quddiesa tan-Novena bit-tema: *Ġorġi jitqabad mad-dragun.*

**L-ERBGĦA 8 TA' LULJU**
**Il-ħames jum tan-Novena**
**7.00pm:** Quddiesa tan-Novena bit-tema: *Ġorġi difensur tad-dgħajjef.*

**IL-ĦAMIS 9 TA' LULJU**
**Is-sitt jum tan-Novena**
**Id-disa' u l-aħħar Ħamis ta' San Ġorġ**
**7.00pm:** Quddiesa tan-Novena bit-tema: *Ġorġi martri tal-imħabba*, bis-sehem tal-istudenti tal-Iskola tal-Mużika tal-Banda Ċittadina La Stella.
**8.00pm:** Dimostrazzjoni bl-istatwa ta' San Ġorġ, xogħol ta' Wistin Camilleri, bis-sehem tal-istudenti tal-Iskola tal-Mużika tal-Banda Ċittadina La Stella, li tiftaħ il-*Festa Tfal* organizzata mis-Soċjetà Filarmonika La Stella, u li titlaq minn Pjazza San Ġorġ u tispiċċa fil-Każin La Stella fi Triq ir-Repubblika.

**IL-ĠIMGĦA 10 TA' LULJU**
**Is-seba' jum tan-Novena**
**7.00pm:** Quddiesa tan-Novena bit-tema: *Ġorġi xhud ta' Kristu f'dinja li qed tinbidel*.
**8.00pm:** L-Ikla tal-Festa fi Pjazza San Ġorġ, organizzata mis-Soċjetà Filarmonika La Stella.

**IS-SIBT 11 TA' LULJU**
**It-tmien jum tan-Novena**
**7.00pm:** Quddiesa tan-Novena bit-tema: *Ġorġi jirċievi l-kuruna tal-martirju*.
**8.30pm:** Programm mużikali mill-Banda Ċittadina La Stella taħt id-direzzjoni ta' Mro Dr John Galea, fi Pjazza San Ġorġ.



**IL-ĦADD 12 TA’ LULJU**
**Id-disa’ u l-aħħar jum tan-Novena**
**Jum ta’ Radd il-Ħajr għall-Ordinazzjoni Saċerdotali ta’ Dun Samuel Aquilina**
**4.00pm:** Quddiesa.
**4.45pm:** Korteo mill-Kunvent tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta’ Ġesù fi Triq Palma sa Pjazza San Ġorġ, fejn is-saċerdot novell Dun Samuel Aquilina jkun akkumpanjat mill-Banda Ċittadina La Stella b’marċi brijużi u innijiet reliġjużi.
**5.30pm:** L-Ewwel Quddiesa Solenni ppreseduta minn Dun Samuel Aquilina.

**IT-TNEJN 13 TA’ LULJU**
*Il-quddies tal-5.30 u tas-7.00pm jiġi ċċelebrat fiċ-Ċentru Parrokkjali.*
**10.00am:** Quddiesa għall-morda u l-anzjani li fiha jiġi amministrat is-Sagrament tal-Griżma tal-Morda, u wara, laqgħa taż-żgħar mal-anzjani tal-komunità parrokkjali u r-residenti tad-djar tal-anzjani fis-Sala Parrokkjali.
**8.00pm:** Kunċert Orkestrali Finali tal-Victoria International Arts Festival bis-sehem tal-Orkestra Filarmonika Nazzjonali, taħt id-direzzjoni ta’ Philip Walsh.

**IT-TLIETA 14 TA’ LULJU**
**JUM IL-ĦRUĠ MIN-NIĊĊA**
*Il-quddiesa tal-5.30pm tiġi ċċelebrata fiċ-Ċentru Parrokkjali, filwaqt li tas-7.00pm ma ssirx.*
**7.00pm:** Marċ mill-Banda Ċittadina La Stella minn Taċ-Ċawla sa Pjazza San Ġorġ.
**8.00pm: Ħruġ tradizzjonali min-niċċa tal-istatwa ta’ San Ġorġ (1839), kapulavur fl-injam ta’ Pietru Pawl Azzopardi u l-ewwel statwa titulari ta’ Għawdex. Ġabra speċjali għall-Festa.**
**9.00pm:** Ċelebrazzjoni ta’ Xhieda Kristjana bit-tema *Ġorġi jħares bl-għajnejn tal-fidi* miż-żgħażagħ Ġorġjani, b’mumenti ta’ talb, riflessjoni u kant, organizzata mill-Grupp 23four u mmexxija mid-Djaknu Anthony Joe Borg.
**9.15pm: Dimostrazzjoni brijuża bl-istatwa ta’ San Ġorġ (1991), xogħol ta’ Austin Camilleri, bis-sehem tal-Banda Santa Marija (iż-Żebbuġ), minn Pjazza San Ġorġ sa Pjazza San Franġisk.**
**12.00am:** Spettaklu tal-logħob tan-nar tal-art mekkanizzat fi Pjazza San Franġisk, imtella’ mill-Għaqda Żgħażagħ La Stella.



**L-ERBGĦA 15 TA' LULJU**
**L-EWWEL JUM TAT-TRIDU**

**5.30pm:** L-aħħar quddiesa tal-ġurnata.

**6.30pm: Kant solenni tal-Għasar mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata flimkien mal-ġemgħa liturġika, ippresedut mill-Kan. Geoffrey George Attard. Prietka minn Dun Carl Scerri. Wara, Innu, Antifona u Barka Ewkaristika mill-Kan. Tonio Galea, Kappillan tal-Parroċċa tal-Wiċċ Imqaddes ta' Ġesù, Ruma.**

*Matul il-jiem tat-Tridu l-kant* a cappella *jsir mill-Kor tal-Bażilika Laudate Pueri u l-iSchola Cantorum Gregoriana taħt id-direzzjoni tal-Kan. George J. Frendo. Jiġu esegwiti l-innu* Georgi Miles Inclite *(1878), għal solisti, kor* a 3 voci pari *u orkestra, kompożizzjoni ta' Mons. Giuseppe Farrugia (1852-1925), u l-antifona* Beatus Georgius *(pre-1890), mużika ta' Mro Paolo Fiammingo (seklu 19) u versi ta' San Pier Damiani (1007-1072). Jieħdu sehem is-solisti Antonino Interisano (tenur) u Louis Andrew Cassar (baritonu). Il-kor u l-orkestra jkunu taħt id-direzzjoni tal-Kan. George J. Frendo*, Maestro di Cappella.

**9.30pm:** Marċ mill-Banda Ċittadina La Stella minn Triq Għajn Qatet sa Pjazza San Franġisk.

**9.30pm:** Marċ mill-Banda Santa Margerita (Ta' Sannat) minn Triq l-Arċisqof Pietru Pace sa Pjazza San Franġisk.

**10.00pm: Dimostrazzjoni popolari bl-istatwa ta' San Ġorġ fuq iż-żiemel (1987), xogħol ta' Alfred Camilleri Cauchi, bis-sehem tal-Banda Ċittadina La Stella u l-Banda Santa Margerita, minn Pjazza San Franġisk sa Pjazza San Ġorġ, li tintemm bi spettaklu ta' *3D Mapping* fuq il-faċċata tal-Bażilika mtella' mill-Għaqda Żgħażagħ La Stella.**

**IL-ĦAMIS 16 TA' LULJU**
**IT-TIENI JUM TAT-TRIDU**

**9.00am:** Konċelebrazzjoni Konventwali ppreseduta minn Mons. Ġużeppi Gauci, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru tal-Bażilika, b'suffraġju tal-erwieħ tar-ragħajja spiritwali u s-saċerdoti li taw servizz fi ħdan il-komunità parrokkjali Ġorġjana.



**5.30pm:** L-aħħar quddiesa tal-ġurnata.
**6.30pm: Kant solenni tal-Għasar mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata flimkien mal-ġemgħa liturġika, ippresedut mill-Kan. Emanuel Buttigieg. Prietka minn Dun Carl Scerri. Wara, Innu, Antifona u Barka Ewkaristika mill-Kan. Simon M. Cachia, Kappillan tal-Parroċċa tal-Qalb ta' Ġesù, il-Fontana.**
**9.00pm:** Marċ mill-Banda Santa Katerina (iż-Żurrieq) (mistiedna b'inizjattiva tal-Għaqda tal-Armar Festa San Ġorġ) minn Pjazza San Ġorġ sa Triq ir-Repubblika.
**9.00pm:** Marċ mill-Banda San Ġorġ (Ħal Qormi) fi Pjazza San Franġisk.
**9.30pm: Dimostrazzjoni trijonfali bl-istatwa ta' San Ġorġ, Patrun ta' Għawdex (2008), xogħol ta' Michael Camilleri Cauchi, bis-sehem tal-Banda San Ġorġ u l-Banda Santa Katerina, minn Pjazza San Franġisk sa Pjazza Savina, li tintemm bi spettaklu awdjoviżiv sinkronizzat mal-logħob tan-nar imtella' mill-Għaqda Żgħażagħ La Stella.**

**IL-ĠIMGĦA 17 TA' LULJU**
**IT-TIELET JUM TAT-TRIDU**
**9.00am:** Konċelebrazzjoni Konventwali ppreseduta minn Mons. Joseph Zammit, Vigarju Ġudizzjali tad-Djoċesi ta' Għawdex, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru tal-Bażilika, b'suffraġju tal-membri tal-Parroċċa li ħallew din id-dinja matul is-sena li għaddiet.
**5.30pm:** L-aħħar quddiesa tal-ġurnata.
**6.30pm: Kant solenni tal-Għasar mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata flimkien mal-ġemgħa liturġika, ippresedut minn Mons. Feliċ Tabone, Vigarju Parrokkjali. Prietka minn Dun Carl Scerri. Wara, Innu, Antifona u Barka Ewkaristika minn Dun Samuel Aquilina.**
**9.00pm: Eżekuzzjoni fi Pjazza San Ġorġ tal-Ewwel Innu l-Kbir ta' Għawdex *Su Garzoni* (1894), versi u mużika ta' Mons. Giuseppe Farrugia (1852-1925), mill-Banda Ċittadina La Stella taħt id-direzzjoni ta' Mro Dr John Galea, u mill-Kor tat-Tfal tas-Soċjetà Piccole Stelle taħt id-direzzjoni ta' Sylvana Attard.**



**9.00pm:** Marċ mill-Banda Prekursur (ix-Xewkija) minn Pjazza San Franġisk sa Pjazza Indipendenza.
**9.00pm:** Marċ mill-Banda L-Unjoni (Ħal Luqa) minn Triq ir-Repubblika sa Pjazza Indipendenza.
**9.15pm: Dimostrazzjoni grandjuża bl-istatwa ta' San Ġorġ Rebbieħ (1894), kapulavur ta' Vincenzo M. Cremona u l-ewwel statwa titulari għall-festi esterni f'Għawdex, mat-toroq ewlenin tal-Belt Victoria, immexxija mill-Banda Ċittadina La Stella u bis-sehem tal-Banda L-Unjoni.**
**10.15pm:** *Ad Astra* – Spettaklu ta' logħob tan-nar tal-ajru li jinħaraq mill-għolja ta' Gelmus sinkronizzat mal-mużika fi Pjazza Savina, imtella' mill-Għaqda Żgħażagħ La Stella.

**IS-SIBT 18 TA' LULJU**
**TMIEM IT-TRIDU MQADDES**
**9.00am:** Konċelebrazzjoni Solenni ppreseduta mill-Arċipriet Mons. Joseph Curmi, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru tal-Bażilika. Fit-tmiem, kant solenni tat-Te Deum.
**10.30am:** Marċ tat-Te Deum mill-Banda Santa Marija (iż-Żebbuġ) minn Pjazza San Ġorġ sal-Każin La Stella fi Triq ir-Repubblika.

**LEJLET IS-SOLENNITÀ**
**5.00pm:** Quddiesa tal-Vġili tas-Solennità.
**6.00pm:** Marċ mill-Banda Ċittadina La Stella minn Triq ir-Repubblika sa Pjazza Indipendenza, minn fejn takkumpanja t-Translazzjoni sa Pjazza San Ġorġ.
**6.15pm: TRANSLAZZJONI SOLENNI TAR-RELIKWA TA' SAN ĠORĠ MILL-KNISJA TA' SAN ĠAKBU SAL-BAŻILIKA URBANA U ĊELEBRAZZJONI PONTIFIKALI TAL-EWWEL GĦASAR TAS-SOLENNITÀ PPRESEDUTI MILL-E.T. MONS. ANTON TEUMA, ISQOF TA' GĦAWDEX U DEKAN TAL-KOLLEĠĠJATA LATERANENSI, ASSISTIT MILL-KAPITLU KATIDRALI U L-KAPITLU URBAN, U BIS-SEHEM TAL-KAVALLIERI TAL-ORDNI SAGRU, MILITARI U KOSTANTINJAN TA' SAN ĠORĠ.**
**7.45pm: Barka Ewkaristika minn Mons. Ġużeppi Farrugia, eks Arċipriet tal-Bażilika Ġorġjana u Rettur tal-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu, ix-Xlendi.**



*Jiġi esegwit l-Għasar* Vespri per la Solennità di San Giorgio Martire *(1900) għal solisti, kor* a 4 voci pari *u orkestra, kompożizzjoni ta' Mons. Giuseppe Farrugia. Jiġu esegwiti wkoll iż-żewġ antifoni* Beatus Georgius*, ta' Mro Paolo Fiammingo (pre-1890) u ta' Mons. Giuseppe Farrugia (1897), u t-*Tantum Ergo in onore di San Giorgio Martire *(1901) ta' Mons. Giuseppe Farrugia.*
**8.00pm:** Programm mużikali fi Pjazza San Ġorġ mill-Banda Ċittadina King's Own (il-Belt Valletta) taħt id-direzzjoni ta' Mro Dr John Galea.
**9.30pm: Eżekuzzjoni fi Pjazza San Ġorġ tal-Innu Immortali *A San Giorgio Martire* (1931), versi tal-Prof. Luigi Billion (1860-1939) u mużika ta' Mro Giuseppe Giardini Vella (1895-1974), mill-Banda Ċittadina La Stella taħt id-direzzjoni ta' Mro Dr John Galea, bis-sehem tal-Kor tas-Soċjetà La Stella u l-Kor tat-Tfal tas-Soċjetà Piccole Stelle taħt id-direzzjoni ta' Sylvana Attard.**
**10.00pm: Marċ singulari u kolossali bis-sehem tal-Banda Ċittadina La Stella u l-Banda Ċittadina King's Own, li matulu jdoqqu flimkien bħala *massed band* u li jintemm fi Triq ir-Repubblika.**
**10.15pm:** Quddiesa tal-Vġili tas-Solennità.
**12.00am:** Spettaklu kbir tal-logħob tan-nar u d-drones sinkronizzat mal-mużika fi Triq ir-Repubblika.

**IL-ĦADD 19 TA' LULJU**
**JUM IS-SOLENNITÀ TA' SAN ĠORĠ**
*Il-quddies nhar il-Festa jkun fil-5.00, fis-6.00, fis-7.00, fit-8.30 (Pontifikal), fil-11.00am, f'12.00 u fil-5.00pm.*
**8.00am:** Kant solenni tat-Terza mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata, ippresedut mill-Isqof Djoċesan, fis-Sagristija Maġġuri.
**8.30am: KONĊELEBRAZZJONI PONTIFIKALI PPRESEDUTA MILL-E.T. MONS. ANTON TEUMA, ISQOF TA' GĦAWDEX U DEKAN TAL-KOLLEĠĠJATA LATERANENSI, ASSISTIT MINN RAPPREŻENTANTI TAL-KAPITLU KATIDRALI, IL-KAPITLU U L-KLERU TAL-BAŻILIKA URBANA, U MEMBRI TAL-KLERU SEKULARI U RELIĠJUŻ.**



*Tiġi esegwita l-*Mass in D in honour of St George “Princeps Martyrum” *(1975) għal solisti, kor* a 4 voci dispari *u orkestra, kompożizzjoni tal-Prof. Joseph Vella (1942-2018). Jieħdu sehem is-solisti Miriam Cauchi (sopran), Antonino Interisano (tenur) u Louis Andrew Cassar (baritonu).*
**11.30am:** Marċ brijuż u popolari fiċ-ċentru tal-Belt Victoria bis-sehem tal-Banda San Ġorġ (Ħal Qormi) u l-Banda Sant’Elena (Birkirkara) li jintemm bi spettaklu pirotekniku tal-karti sinkronizzat mal-mużika mtella’ mill-Għaqda Żgħażagħ La Stella fi Triq ir-Repubblika.
**6.00pm: Ċelebrazzjoni Solenni tat-Tieni Għasar tas-Solennità mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata Urbana, ippreseduta mill-Arċipriet Mons. Joseph Curmi.**
*Jiġu esegwiti s-salmi tat-*Tieni Vespri ta’ San Ġorġ*, kompożizzjoni tal-Prof. Joseph Vella, mill-Kor Laudate Pueri tal-Bażilika.*

**7.00pm: ĦRUĠ SOLENNI TAL-ISTATWA TITULARI TA’ SAN ĠORĠ, IL-PATRUN TA’ GĦAWDEX, LI TINTLAQA’ MILL-BANDA ĊITTADINA LA STELLA BL-INNU RELIĠJUŻ *GEORGIUS NATUS EST* (1984), VERSI TAL-KAN. JOE MEJLAK (1944-2008) U MUŻIKA TAL-PROF. JOSEPH VELLA.**
**7.15pm: Tislima lil San Ġorġ, Patrun tad-Djoċesi, mill-Banda Ċittadina La Stella bl-eżekuzzjoni tal-Innu Immortali *A San Giorgio Martire*, versi tal-Prof. Luigi Billion u mużika ta’ Mro Giuseppe Giardini Vella, bis-sehem tat-tenur Antonino Interisano (l-Italja), il-baritonu Louis Andrew Cassar (Malta), il-Kor tas-Soċjetà La Stella u l-Kor tat-Tfal tas-Soċjetà Piccole Stelle, taħt id-direzzjoni ta’ Mro Dr John Galea.**
*Kien dan l-innu (1931) li fl-1934 beda t-tradizzjoni tal-Innu l-Kbir fil-ftuħ tal-purċissjonijiet titulari, liema tradizzjoni ġiet adottata mill-parroċċi l-oħra kollha ta’ Għawdex.*



**7.30pm: PURĊISSJONI SOLENNI BL-ISTATWA TITULARI TA' SAN ĠORĠ, IPPRESEDUTA MILL-ARĊIPRIET MONS. JOSEPH CURMI, BIS-SEHEM TAL-KAPITLU U L-KLERU TAL-BAŻILIKA, L-ORDNIJIET RELIĠJUŻI TAL-BELT VICTORIA, IL-FRATELLANZI TAL-PARROĊĊA, U L-BANDA ĊITTADINA U DEKANA LA STELLA LI TAKKUMPANJA B'INNIJIET RELIĠJUŻI.**

**8.15pm:** Marċ mill-Banda Victory (ix-Xagħra) minn Triq ir-Repubblika sa Pjazza Indipendenza, fejn tesegwixxi programm mużikali taħt id-direzzjoni ta' Mro Marvin Grech.

**8.30pm:** Marċ mill-Banda Mnarja (in-Nadur) minn Triq ir-Repubblika sa Pjazza San Ġorġ, fejn tesegwixxi programm mużikali taħt id-direzzjoni ta' Mro Dr Joseph Grech.

**10.30pm: Dħul trijonfali tal-istatwa ta' San Ġorġ fil-Bażilika Urbana fost il-briju u l-kant mill-poplu Għawdxi u Malti tal-innu popolari *Lill-Kbir Martri San Ġorġ* (1952), versi ta' Patri Akkursju Xerri OFM (1915-1968) u mużika ta' Mro Vincenzo Ciappara (1890-1979).**

**11.00pm: Antifona, u Barka Ewkaristika mill-Arċipriet Mons. Joseph Curmi, li bihom jintemmu l-festi ewlenin ta' Għawdex f'ġieħ San Ġorġ Megalomartri, sa mill-qedem il-Protettur tal-poplu Għawdxi.**



**QUDDIES U QRAR FIL-BAŻILIKA**

Jekk irridu li jkollna Festa kif tixraq, għandna nimpenjaw ruħna u nħeġġu lil xulxin għall-Qrar u għall-Quddiesa ta' kuljum fil-jiem tal-Festa. F'San Ġorġ, il-Qrara tajba u t-Tqarbina huma essenzjali. Bħas-soltu l-Qrar jista' jsir fil-ġranet kollha tal-Festa, imma l-penitenti huma mitluba biex jaħsbu kemm jista' jkun fil-jiem ta' qabel, f'ħinijiet barra mill-funzjonijiet.

Il-quddies f'jum il-Festa jkun hekk: fil-5.00, fis-6.00, fis-7.00, fit-8.30 (Pontifikal), fil-11.00am, f'12.00 u fil-5.00pm.

**IKONA PRESIDENZJALI F'JIEM IL-FESTA**

Bi tradizzjoni mibdija fi żmien l-E.T. il-Prof. Guido de Marco (1931-2010), din is-sena wkoll l-E.T. Dr Myriam Spiteri Debono, President ta' Malta, qed jogħġobha tibgħat għal jiem ta' qima fostna l-ikona Russa ta' San Ġorġ miżmuma fil-Palazz Presidenzjali ta' San Anton, Malta. Ix-xbihat tal-martri huma għajnuna biex inħossu l-preżenza konkreta tal-qawwa ta' Alla fostna.

L-ikona tkun esposta fil-Bażilika u, filwaqt li nammiraw il-ġmiel tagħha, għandna niftakru f'ħutna l-Kristjani li jgħixu fl-artijiet tar-Russja u nitolbu għal għaqda akbar bejn il-Knisja Kattolika u l-Knejjes Ortodossi tal-Lvant.



**MUŻIKA SAGRA FIL-BAŻILIKA**

Napprezzaw l-impenn kbir li jsir biex il-kompożizzjonijiet ta' mużika sagra unika li għandna jiġu esegwiti bl-aqwa mod possibbli. Il-mużika tkun esegwita mill-Kor tal-Bażilika Laudate Pueri u l-Victoria Festival Orchestra. Għall-okkażjoni l-kor jiġi kkumplimentat b'koristi Maltin u barranin, fosthom mill-Kor Pontifiċju Cappella Sistina u l-Coro dell'Accademia di Santa Cecilia, kif ukoll solisti lokali u barranin.

Il-mużika fil-Bażilika, kemm fil-jiem tat-Tridu u kemm lejlet u nhar il-Festa, tkun taħt id-direzzjoni tal-Kan. George J. Frendo, *Maestro di Cappella*. Il-mużika fil-Bażilika matul il-Festa tkun organizzata mill-Kan. George J. Frendo u l-Prof. Maria Frendo, *leader* tal-Kor Laudate Pueri. Is-solisti huma s-sopran Miriam Cauchi (Malta), it-tenur Antonino Interisano (l-Italja) u l-baritonu Louis Andrew Cassar (Malta).

**TRAŻMISSJONIJIET TAL-FESTA FUQ IR-RADJU U LIVE STREAMING**

It-trażmissjonijiet bir-radju jsiru għal dawk li ma jistgħux jiġu l-knisja. Fil-każ tal-anzjani r-radju hu għajnuna, fil-każ ta' min mhux ir-radju jsir strument ta' abbuż. It-trasmissjonijiet u r-ritratti permezz tal-websajt huma għal dawk li huma ħafna 'l bogħod minna. Ikun xieraq li l-emigranti jkunu mgħarrfa b'dan.

L-Istazzjon tar-Radju tal-Parroċċa *Leħen il-Belt Victoria* (104.00FM MHz Stereo) ixandar il-funzjonijiet liturġiċi kollha marbuta mal-Festa mill-Bażilika Ġorġjana.

Il-funzjonijiet kollha tal-Festa jistgħu jiġu segwiti permezz ta' *live streaming* fuq il-Paġna tal-Facebook tal-Parroċċa www.facebook.com/stgeorge.org.mt, dik tal-YouTube tal-Parroċċa www.youtube.com/stgeorgesbasilica, kif ukoll mill-Websajt tal-Parroċċa www.stgeorge.org.mt.



## OPRI U XOGĦLIJIET EWLENIN FIS-SENA 2026

### BAŻILIKA SAN ĠORĠ

Rinnovazzjoni tal-Uffiċċju Parrokkjali.

Manutenzjoni tas-soqfa tad-Dar Parrokkjali.

Siġġijiet ġodda għas-Sala Parrokkjali.

Manutenzjoni u rinnovazzjoni tat-23four Hub.

Sitt xemgħat ġodda bil-pittura għall-vara titulari ta' San Ġorġ.

Restawr tal-istatwa tal-Veronika.

Għoxrin konfratija u barnuża ġdida għar-reffiegħa tal-Marbut, tal-Porpra u tar-Redentur fil-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.

Għaxar slaleb ġodda għall-penitenti tal-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.

Aċċessorji ġodda għall-Kavallieri tal-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.

Manutenzjoni ta' armaturi tal-injam bl-aċċessorji tad-dawl għall-mixegħla tal-faċċata tal-Bażilika fil-jiem tal-festa.



**SOĊJETÀ FILARMONIKA A STELLA**

**GĦAQDA TAL-ARMAR FESTA SAN ĠORĠ**

**Pjazza Indipendenza**
Restawr u induratura tal-pedestall tal-Papa San Żakkarija (1922).

Sett ta' erba' vażuni u brazzi ġodda għall-pedestall tal-Papa San Żakkarija (1922).

Struttura ġdida tal-aluminju għall-planċier.

**Pjazza Savina**
Sett ta' erba' brazzi ġodda għall-pedestall ta' San Ġorġ Patrun ta' Għawdex.

**Pjazza San Franġisk**
Kanċell ġdid għall-pedestall ta' San Ġorġ Żagħżugħ.

Restawr ta' anġlu.

Restawr u rħamatura ta' żewġ pedestalli qodma (1892).

**Triq Vajrinġa**
Tliet pavaljuni ġodda tad-drapp.

Tlestija tad-dekorazzjoni ta' żewġ pedestalli.

**Każin La Stella**
Bidu tal-proġett tar-rilokazzjoni tan-niċċa tal-istatwa ta' San Ġorġ Rebbieħ.

L-Għaqda tal-Armar Festa San Ġorġ, fi ħdan is-Soċjetà Filarmonika La Stella, trodd ħajr lill-benefatturi u l-voluntiera kollha tagħha.



## GĦAQDA TAN-NAR SAN ĠORĠ MARTRI

Il-logħob tan-nar tal-Festa hu kkordinat mill-Għaqda tan-Nar San Ġorġ Martri fi ħdan is-Soċjetà Filarmonika La Stella. Il-Kmamar tan-Nar St Michael's Fireworks Factory (Ħal Lija), La Stella Fireworks Factory (il-Gudja), St George's Fireworks Factory (Ħal Qormi), St Andrew's Fireworks Factory (L-Unjoni) (Ħal Luqa), St Andrew's Band Fireworks Factory (Tal-Istilla) (Ħal Luqa), St Mary's Fireworks Factory (il-Mosta), Matthew Ellul Bilbli Fireworks Factory (is-Siġġiewi), 12th May Fireworks Factory (Ħaż-Żebbuġ), St Mary's Fireworks Factory (il-Qrendi), 25th November Fireworks Factory (iż-Żejtun), Our Lady of Consolation Fireworks Factory (il-Gudja), St Mary's Fireworks Factory (l-Imqabba), u St Joseph's Fireworks Factory (Ħal Għaxaq) ser ikunu qed jipparteċipaw bix-xogħlijiet tagħhom fil-jiem tal-Festa.

Is-Soċjetà Filarmonika La Stella tavża li ħadd m'għandu permess jersaq lejn il-post fejn jinħaraq in-nar tal-festa ħlief dawk l-individwi li huma liċenzjati u awtorizzati.



**Issettjar, Pubblikazzjoni u Drittijiet tal-Istampa** | Uffiċċju Parrokkjali Bażilika San Ġorġ
**Grafika** | Andrew Formosa
**Editjar u Fili tal-Kitba** | Francesco Pio Attard, George Francis Vella
**Stampar** | Gozo Press, Għajnsielem
**Ritratti** | Andrew Formosa, Sebio Aquilina

**© Bażilika San Ġorġ**
Il-Belt Victoria
Għawdex
2026

www.stgeorge.org.mt
info@stgeorge.org.mt
www.facebook.com/stgeorge.org.mt
www.youtube.com/stgeorgesbasilica

+356 2155 6377

Bażilika San Ġorġ